


KONFERENZA
TAR-RAPPREŻENTANTI
TAL-GVERNIJIET
TAL-ISTATI MEMBRI

Brussell, 13 ta' Lulju 2022
(OR. fr)

10364/22

LIMITE

JUR 431
INST 239
COUR 26



ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI
MEMBRI li taħtar Imħallfin fil-Qorti Ġenerali

DEĊIŻJONI (UE) 2022/...
TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI

ta' ...

li taħtar Imħallfin fil-Qorti Ġenerali

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-mandati ta' sitta u għoxrin Imħallef fil-Qorti Ġenerali ser jiskadu fil-31 ta' Awwissu 2022. Jenħtieġ li jsiru ħatriet biex jimtlew dawk il-karigi għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2022 sal-31 ta' Awwissu 2028.
- (2) Ġie propost li l-mandati tas-Sur Ioannis DIMITRAKOPOULOS, is-Sur Gerhard HESSE u s-Sur Tihamér TÓTH bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali jiġġeddu.
- (3) Is-Sa Elisabeth TICHY-FISSELBERGER ġiet proposta għall-ewwel mandat tagħha bħala Mħallef fil-Qorti Ġenerali.
- (4) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità ta' dawn il-kandidati għall-qadi tal-funzjonijiet ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin Imħallfin fil-Qorti Ġenerali għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2022 sal-31 ta' Awwissu 2028:

- Is-Sur Ioannis DIMITRAKOPOULOS,
- Is-Sur Gerhard HESSE,
- Is-Sa Elisabeth TICHY-FISSELBERGER,
- Is-Sur Tihamér TÓTH.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Il-President
